TARXIEN
Local Council

**Id-Disa' Leġislatura**

Laqgħa Kunsill Lokali Tarxien - **Nu 28/2026**

Data: It-Tnejn, 26 ta' Mejju 2026

Ħin: 17:30

Bdiet: 17:30

Post: Uffiċju Amministrattiv Kunsill Lokali Tarxien, 73 Santa Marija Street, Tarxien

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Joseph Abela Galea | Sindku | Preżenti |
| Is-Sa. Darlene Vella | Viċi Sindku | Preżenti |
| Is-Sa. Anabelle Marmara | Kunsilliera | Skużata |
| Is-Sur Dasier Damato | Kunsillier | Preżenti |
| Is-Sa. Nicole Farrugia | Kunsilliera | Preżenti |
| Is-Sur Glenn Gerald Urry | Kunsillier | Skużat |
| Is-Sur Neil Portelli | Kunsillier | Skużat |
| Is-Sa Lianne Cassar | Deputat Segretarju Eżekuttiv | Preżenti |

**28.1 Ittri ta' apoloġija**

28.1.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li s-Sa Anabelle Marmara, is-Sur Glenn Urry u s-Sur Neil Portelli talbu sabiex jiġu skużati mil-laqgħa.

Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill approva unanimament li dawn il-membri jitniżżlu bħala skużati.

**28.2 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 26**

28.2.1 Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sur Dasier Damato, il-Minuti tal-Laqgħa Nu 26 ġew approvati kif imresqa.

**28.3 Preżentazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu 27**

28.3.1 Fuq proposta tas-Sindku ssekondata mis-Sa. Nicole Farrugia, il-Minuti tal-Laqgħa Nu 27 ġew approvati kif imresqa.

**28.4 Preżentazzjoni u Approvazzjoni Skeda ta' Pagamenti Nu 23**

28.4.1 Fuq proposta tas-Sindku, issekondata mis-Sa. Darlene Vella u s-Sur Dasier Damato, ġiet approvata skeda tal-pagamenti għall-perjodu bejn it-28 t' April 2026 u l-15 ta' Mejju 2026, li kienet tammonta għal €31,227.32.

**28.5 Punti li joħorġu mill-Minuti**

28.5.1 Is-Sindku xtaq jikjarifika li l-mibki **Renzo Gauci** miet fis-sena **2018**. Dan għandu jiġi kkomunikat lill-Perit responsabbli sabiex jiġu sottomessi l-permessi meħtieġa mal-Kunsill Malti għall-Arti u sabiex id-dati li ser jidhru fuq il-bust jitniżżlu b'mod korrett.

28.5.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-edizzjoni li jmiss tar-rivista tal-Kunsill, ser tiġi ppubblikata matul ix-xahar ta' Ġunju. Huwa ħeġġeġ lill-membri tal-Kunsill sabiex, jekk għandhom xi artikli jew materjal relevanti, jgħadduhom fi żmien xieraq sabiex ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati għall-pubblikazzjoni.

28.5.3 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li saret laqgħa ma' rappreżentanti ta' Transport Malta sabiex jiġu diskussi s-servizzi tat-trasport pubbliku li jgħaddu minn Ħal Tarxien.

Huwa spjega li l-Kunsill qed jimbotta l-proposta sabiex jgħaddu biss żewġ rotot tal-karozzi tal-linja mill-Pjazza, bil-għan li r-residenti jibqgħu jingħataw servizz adegwat mingħajr ma terġa' tinħoloq il-pressjoni tat-traffiku li kienet teżisti qabel il-proġett tal-Pjazza.

Is-Sindku żied jgħid li qabel ma beda l-proġett kienu jgħaddu numru sostanzjalment akbar ta' karozzi tal-linja miċ-ċentru tal-lokalità. Madankollu, f'ħafna każijiet dawn il-karozzi tal-linja kienu jkunu diġà mimlijin b'passiġġieri minn lokalitajiet oħra qabel ma jaslu Ħal Tarxien, u għalhekk il-benefiċċju għar-residenti Tarxiniżi kien limitat.

**TARXIEN**
Local Council

Il-Kunsill ser ikompli jiddiskuti l-materja mal-awtoritajiet kompetenti sabiex jinstab bilanċ bejn il-ħtieġa ta' servizz effiċjenti tat-trasport pubbliku u l-protezzjoni tal-investiment li sar fil-Pjazza u l-kwalità tal-ħajja tar-residenti.

28.5.4 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li tlestew is-surveys ta' **Ġnien Ovindoli** u **Ġnien Bulebel**. Huwa spjega li l-Perit tal-Kunsill ser ikun qed jibda jħejji d-disinn ta' Ġnien Bulebel sabiex il-proġett ikun jista' jiġi approvat u sussegwentament tinħareġ is-sejħa għall-implimentazzjoni tax-xogħolijiet.

Is-Sindku żied jgħid li l-Kunsill għandu l-intenzjoni japplika għall-fondi mir-Reġjun sabiex ikopri l-manutenzjoni tal-funtana li tinsab f'Ġnien Ovindoli. Huwa informa lill-Kunsill li n-nefqa stmata għal din il-manutenzjoni hija ta' madwar **€20,000**.

Is-Segretarju osserva li, fil-każ li jkun propost li jinbena xi spazju jew kamra taħt il-funtana, ikun meħtieġ li jinkisbu l-permessi kollha meħtieġa mill-awtoritajiet kompetenti u li tinħareġ sejħa pubblika skont il-proċeduri applikabbli qabel ma jkunu jistgħu jibdew ix-xogħolijiet.

28.5.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li, bħala parti mill-appoġġ li l-Kunsill jagħti waqt l-attivitajiet tal-festa, ser jiġu pprovduti ilma u soft drinks lill-bandisti t-Tnejn tal-festa.

28.5.6 Is-Sindku semma li, qed jitnadfu l-ġonna u jinżabru s-siġar tal-ispazji pubbliċi.

28.5.7 Is-Sindku semma li qed jinħarġu l-kwotazzjonijiet għal tisbieħ tal-latrina pubblika.

28.5.8 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li impjegat tal-Komunità kien ġie trasferit minn Kunsill Lokali ieħor sabiex iwettaq id-dmirijiet ta' xufier tal-vann tal-Kunsill. Ġie propost li l-impjegata tiġi kkunsidrata sabiex taħdem f'xogħol klerikali fi ħdan il-Kunsill. Il-Kunsill approva l-proposta u ddeċieda li s-Segretarju Eżekuttiv jikkomunika magħha u jwettaq intervista sabiex jiġi evalwat l-impjieg tagħha f'din il-kariga.

28.5.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li, permezz tal-Iskema tal-Kultura (SPI), il-Kunsill ġie allokat fond ta' **€18,530** għall-implimentazzjoni tal-proġett approvat taħt din l-iskema. Il-Kunsill laqa' din l-informazzjoni u nnota l-allokazzjoni tal-fondi sabiex il-proġett ikun jista' jitwettaq skont il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti tal-iskema.

28.5.10 Is-Sur Dasier Damato nforma lill-Kunsill li, b'effett mit-18 ta' Ġunju, ser jerġgħu jibdew is-sessjonijiet ta' Zumba organizzati mill-Kunsill. Huwa spjega li dawn is-sessjonijiet huma maħsuba biex jinkoraġġixxu stil ta' ħajja aktar attiv u b'saħħtu fost ir-residenti. Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni u laqa' b'sodisfazzjon il-bidu mill-ġdid ta' din l-inizjattiva. Semmew li dawn ser jibqgħu bil-ħlas u ser issir card sabiex ikunu mmarkati s-sessjonijiet. Is-Sur Damato semma li 6 sessjonijiet ser ikunu għall-prezz ta' EUR10.

28.5.11 Is-Sur Dasier Damato nforma lill-Kunsill li nhar is-26 ta' Ġunju ser tiġi organizzata attività "Open Air Cinema Night" għat-tfal fil-Ġnien Veliko Turnovo. Huwa spjega li din l-attività hija maħsuba biex tipprovdi esperjenza rikreattiva u ta' divertiment għall-familji u t-tfal tal-lokalità. Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni u ser jibdew jinġabru l-kwotazzjonijiet.

TARXIEN
Local Council

28.5.12 Is-Sa Nicole Farrugia talbet sabiex jinħarġu tags għall-cat feeders li huma rreġistrati mal-Kunsill, sabiex ikunu jistgħu jiġu ddentifikati aħjar waqt li jwettqu l-attivitajiet tagħhom. Hija nformat lill-Kunsill ukoll li l-cat shelter li jinsab fi Ġnien 2000, kif ukoll dak fi Triq Xintil, ser jitneħħew.

Barra minn hekk, hija semmiet li qed jidħlu diversi rapporti mingħand il-cat feeders dwar residenti li qed jitimgħu l-qtates f'postijiet bħal Ġnien Penza u l-Ġnien Mark Farrugia mingħajr awtorizzazzjoni. Skont dawn ir-rapporti, f'dawn il-postijiet qed jitħalla ammont konsiderevoli ta' ħmieġ u ikel mhux adegwat għall-qtates, li qed joħloq problemi ta' ndafa. Il-Kunsill ħa nota tal-informazzjoni u qabel li s-sitwazzjoni tiġi segwita sabiex jittieħdu l-miżuri meħtieġa.

**28.6 Komunikazzjoni mis-Sindku**

28.6.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill irreġistra l-interess sabiex ikun offrut mingħajr ħlas l-Animal First Aid. Is-Sa. Nicole Farrugia talbet li għandha tingħata prijorita' lill-cat feeders u kien hemm qbil dwar dan.

28.6.2 Is-Sa. Darlene Vella semmiet li għalissa s-swimming lessons li kienu ġew proponuti jiġu posposti minħabba xi miżuri li jista' jkun ser jiġu implimentati mill-Gvern Ċentrali.

**28.7 Aġġornament**

28.7.1 Il-Laqgħa ġiet aġġornata fis-seba' ta' filgħaxija, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu nhar il-Ħamis, 18 ta' Ġunju fil-17:30 fl-Uffiċju tal-Kunsill.

**Joseph Abela Galea**

**Sindku**

**Lianne Cassar**

**Deputat Segretarju Eżekuttiv**